REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/762

tad-9 ta' Ġunju 2020

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-istandards mikrobijoloġiċi għall-ikel nej għall-annimali domestiċi, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-istabbilimenti approvati, il-parametri tekniċi applikabbli għall-metodu alternattiv tal-proċess ta' Brookes ta' bdil f'gass u għall-idroliżi tax-xaħmijiet imdewba, u l-esportazzjonijiet ta' demel ipproċessat, ta' ċertu demm, ta' prodotti tad-demm u ta' prodotti intermedji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 20 (11), l-Artikolu 21(6)(d), l-Artikolu 27(b) u (c), l-Artikolu 31(2), l-Artikolu 40(b), (d) u (e), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 41(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 41(3), l-Artikolu 42(2)(a), (b) u (c) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 43(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([2]) jistabbilixxi regoli tas-saħħa pubblika u tal-annimali għall-prodotti sekondarji tal-annimali u għall-prodotti derivati minnhom, sabiex jiġu evitati u jittaffew ir-riskji li ġejjin minn dawk il-prodotti għas-saħħa pubblika u għal dik tal-annimali. Dawk ir-regoli jinkludu wkoll standards mikrobijoloġiċi għall-ikel nej għall-annimali domestiċi, rekwiżiti li jikkonċernaw ċerti stabbilimenti approvati, kundizzjonijiet għall-importazzjonijiet ta' qrejjen u ta' prodotti tal-qrejjen, qwieqeb u prodotti tal-qwieqeb, u r-regoli għall-esportazzjonijiet tad-demel ipproċessat, ta' ċertu demm, ta' prodotti tad-demm u ta' prodotti intermedji.

(2) F'konformità mal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, l-impjanti approvati jew irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jittrattaw, jipproċessaw jew jaħżnu prodotti sekondarji tal-annimali ġġenerati fil-post. Għalhekk, jixraq li l-biċċeriji approvati jkunu jistgħu japplikaw ċerti metodi kimiċi, għajr dawk elenkati bħala metodi ta' pproċessar standard jew alternattivi, biex jippreservaw ċerti materjali tal-Kategorija 3 iġġenerati fil-post sabiex jiksbu volum likwidu, li jkun jista' jinħażen u jiġi ttrasportat iktar faċilment.

(3) Il-preservazzjoni kimika, għajr dik awtorizzata bħala metodu ta' pproċessar alternattiv, ma tipproċessax il-materja prima fi prodotti derivati. Għall-fini taċ-ċertezza tad-dritt, jeħtieġ li jiġu previsti regoli dwar il-ħżin, it-trasport u r-rimi jew l-użu sussegwenti ta' dawn il-materjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 u l-Anness IX tiegħu jiġu emendati skont dan.

(4) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprevedi definizzjoni tal-materjal għat-tkabbir. Il-materjal għat-tkabbir jintuża b'mod wiesa' fil-produzzjoni tal-faqqiegħ. Id-definizzjoni tal-materjal għat-tkabbir jenħtieġ li tindirizza l-użu tal-materjal għat-tkabbir fil-produzzjoni tal-faqqiegħ.

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

(5) Jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni tal-"kriterju ta' iġjene tal-proċess" fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 sabiex fil-punt 6 tal-Kapitolu II tal-Anness XIII tiegħu tissostitwixxi l-istandard attwali tal-prodotti bbażat fuq l-għadd tal-*Enterobacteriaceae* b'valuri għan-numru meħtieġ ta' kampjuni u għal-limiti għall-*Enterobacteriaceae* bħala kriterju li jindika l-funzjonament aċċettabbli tal-proċess tal-produzzjoni.

(6) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(7) Fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi u tekniċi ġodda, il-parametri tat-temperatura għall-proċess ta' Brookes ta' bdil f'gass jenħtieġ li jiġu allinjati mal-istandards eżistenti għall-inċinerazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-annimali. L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) Il-Kapitolu II tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxi rekwiżiti għall-identifikazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-annimali, inkluż it-tikkettar. L-ikel nej għall-annimali domestiċi jenħtieġ li jiġi ttikkettat skont dan sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ikel jew l-infezzjoni tal-bnedmin.

(9) L-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 ([5]) introduċa kriterji ta' iġjene tal-proċess biex jiżgura s-sikurezza tal-oġġetti tal-ikel abbażi ta' valutazzjoni xjentifika tar-riskji. Billi jitħarsu l-istess prinċipji, is-sikurezza tal-ikel nej għall-annimali domestiċi tista' tinżamm jekk id-dispożizzjonijiet dwar il-konformità mal-kriterji ta' iġjene tal-proċess stabbiliti għall-preparati tal-laħam, jiġifieri l-laħam mhux ipproċessat għall-konsum mill-bniedem, stabbiliti fil-punt 2.1.8 tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005, jissostitwixxu l-istandards mikrobijoloġiċi eżistenti għall-Enterobacteriacae fil-prodott. Għalhekk, il-Kapitolu II tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(11) Għall-promozzjoni tax-xjenza, jenħtieġ li tingħata deroga għal ċerti oġġetti fil-kollezzjonijiet tal-istorja naturali. Ir-rekwiżiti dwar it-trofej tal-kaċċa u preparazzjonijiet oħra kif stabbiliti fil-Kapitolu VI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(12) Il-Kapitolu XI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għad-derivati mix-xaħam. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-ipproċessar għandu minn tal-inqas jilħaq it-temperatura meħtieġa fih. Il-Kapitolu XI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġi kkoreġut skont dan.

(13) Ir-rekwiżiti għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti miksubin mill-għadam, mill-qrejjen u mill-qwieqeb stabbiliti fil-punt 2(d) tat-Taqsima 7 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistgħu jinftiehmu bħala rekwiżiti kumulattivi. Il-punt 2(d) jenħtieġ li jiġi revedut sabiex jiġi ċċarat li dawk ir-rekwiżiti japplikaw alternattivament.

(14) Il-Kapitolu V tal-Anness XIV jistabbilixxi regoli għall-esportazzjoni tad-demel ipproċessat. Wara r-reviżjoni tar-rekwiżiti għall-esportazzjoni ta' fertilizzanti organiċi u ta' materjali li jtejbu l-ħamrija fost il-materjali tal-Kategorija 3 stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), jeħtieġ li r-regoli għall-esportazzjoni tad-demel ipproċessat jiġu allinjati mar-rekwiżiti l-ġodda msemmija hawn fuq.

(15) L-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jistipula li l-esportazzjoni ta' ċerti materjali tal-Kategoriji 1 u 2 tista' tiġi awtorizzata biss taħt regoli armonizzati. L-Anness XII kif ukoll it-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprovdu l-kundizzjonijiet li bihom ċertu demm, prodotti tad-demm u prodotti intermedji jistgħu jiġu importati għall-produzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi finali jew sabiex ikunu soġġetti għal pass ta' produzzjoni partikolari fil-katina tal-manifattura tal-prodotti farmaċewtiċi. Għalhekk, l-esportazzjoni tad-demm, tal-prodotti tad-demm u tal-prodotti intermedji li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-importazzjoni jew għat-tqegħid fis-suq, jenħtieġ li tiġi awtorizzata u jenħtieġ li r-regoli għall-esportazzjoni jiġu stabbiliti fil-Kapitolu V tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

(16) Il-Kapitolu V tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(xi) proċessi ta' tranżizzjoni tal-fażi ta' materjali tal-Kategorija 3, pereżempju:

— it-termokoagulazzjoni tad-demm,

— iċ-ċentrifugazzjoni tad-demm,

— it-trażżin kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness tiegħu,

— l-idroliżi tal-qwieqeb, tal-lanżit tal-ħnieżer, tar-rix u tax-xagħar maħsuba għall-ipproċessar b'metodi ta' pproċessar stabbiliti f'dan ir- Regolament."

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-Kapitolu V, fir-razzett fejn jaħżnu l-prodotti sekondarji tal-annimali kif imsemmi fil-punt (h) jew (i) tal-Artikolu 24(1) ta' dak ir-Regolament, diment li sussegwentement il-prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali jintremew kif imsemmi fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament;";

(c) jiżdied il-punt li ġej:

"(e) Meta l-operazzjonijiet imsemmija fil-punti (i) sa (vii) u (xi) tal-punt (b) iseħħu fis-sit tal-istabbiliment jew tal-impjant approvat imsemmi fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 li jiġġenera dawk il-materjali, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-operazzjoni mingħajr reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23 jew l-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 24(1)(h) ta' dak ir-Regolament, diment li l-prodotti sekondarji tal-annimali jinħażnu, jiġu ttrasportati u jintremew jew jintużaw bħala prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009."

(2) l-Annessi I, IV, VIII, IX, XIII u XIV huma emendati f'konformità mat-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I, IV, VIII, IX, XIII u XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, il-punt 59. huwa sostitwit b'dan li ġej u jiżdied il-punt 60.:

"59. '**materjal għat-tkabbir**' tfisser materjali, inkluż ħamrija tax-xtieli, għajr ħamrija *in situ*, li fihom jitkabbru l-pjanti jew jitkabbar il-faqqiegħ u li jintużaw indipendentement mill-ħamrija *in situ*;

60. '**kriterju ta' iġjene tal-proċess**' tfisser kriterju li jindika l-funzjonament aċċettabbli tal-proċess tal-produzzjoni. Tali kriterju mhuwiex applikabbli għall-prodotti mqiegħda fis-suq. Jistabbilixxi valur indikattiv ta' kontaminazzjoni li jekk jinqabeż ikunu meħtieġa azzjonijiet korrettivi sabiex tinżamm l-iġjene tal-proċess f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali għas-sikurezza tal-għalf.";

(2) fil-punt E.2 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Kull unità tal-proċess irid ikollha żewġ berners u żewġ fannijiet tal-arja sekondarji biex jieħdu post il-berner jew il-fann f'każ li jieqfu jaħdmu. Il-kompartiment sekondarju jrid ikun iddisinjat b'tali mod li jippermetti ħin minimu ta' permanenza ta' żewġ sekondi f'temperatura ta' minn tal-inqas 850 °C taħt il-kundizzjonijiet kollha ta' kombustjoni;"

(3) fil-Kapitolu II tal-Anness VIII, il-punt 2(b) huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (vii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(vii) fil-każ ta' ikel nej għall-annimali domestiċi, 'Użah bħala ikel għall-annimali domestiċi biss. Iżżommux fejn ikel ieħor. Aħsel idejk u naddaf l-għodod, l-utensili u s-superfiċi wara li tmiss dan il-prodott';";

(ii) jiżdied punt ġdid, il-punt (xxi), kif ġej:

"(xxi) fil-każ ta' materjali għad-detossifikazzjoni msemmija fil-Kapitolu VII tal-Anness VIII, il-kliem: 'materjali maħsuba għad-detossifikazzjoni. Mhux adattati għat-tqegħid fis-suq'.".

(4) fil-Kapitolu II tal-Anness IX, il-punt (j) huwa sostitwit u jiddaħħal punt ġdid, il-punt (k), kif ġej:

"(j) tgħarbil;

(k) proċessi ta' tranżizzjoni tal-faži ta' materjali tal-Kategorija 3, bħat-termokoagulazzjoni tad-demm, iċ-ċentrifugazzjoni tad-demm, it-trażżin kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness IX, l-idroliżi tal-qwieqeb, tal-lanżit tal-ħnieżer, tar-rix u tax-xagħar, maħsuba għall-ipproċessar b'metodi ta' pproċessar stabbiliti f'dan ir-Regolament.".

(5) l-Anness XIII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Kapitolu II, il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Iridu jittieħdu kampjuni aleatorji mill-ikel nej għall-annimali domestiċi matul il-produzzjoni u/jew matul il-ħżin (qabel id-dispaċċ) biex tiġi vverifikata l-konformità mal-istandards li ġejjin:

Salmonella: nieqsa f'25 g, n = 5, c = 0, m = 0, M = 0.

Il-proċess tal-produzzjoni tal-ikel nej għall-annimali domestiċi għandu jissodisfa l-kriterju ta' iġjene tal-proċess li ġej:

Enterobacteriacae: n = 5, c = 2, m = 500 fi 1 g, M = 5 000 fi 1 g

Fejn:

n = in-numru ta' kampjuni għall-ittestjar;

m = il-valur limitu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat għandu jitqies sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx m;

M = il-valur massimu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat għandu jitqies mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew iktar ikun M jew iżjed; u

c = in-numru ta' kampjuni li l-għadd ta' batterji fihom jista' jkun bejn m u M, fejn il-kampjun għandu jibqa' jitqies aċċettabbli jekk l-għadd ta' batterji tal-kampjuni l-oħra jkun m jew inqas.

L-operaturi għandhom jieħdu miżuri, bħala parti mill-proċeduri tagħhom abbażi ta' prinċipji ta' analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP), biex jiżguraw li l-forniment, l-immaniġġar u l-ipproċessar tal-materja prima u tal-ikel nej tal-annimali domestiċi taħt il-kontroll tagħhom jitwettqu b'tali mod li jiġu ssodisfati l-istandards tas-sikurezza u l-kriterju ta' iġjene tal-proċess imsemmija hawn fuq. Fil-każ li l-istandards tas-sikurezza u l-kriterju ta' iġjene tal-proċess ma jiġux issodisfati, l-operatur għandu jieħu azzjonijiet korrettivi proporzjonati f'konformità mal-proċedura bil-miktub imsemmija fis-sentenza introduttiva tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u mal-proċeduri abbażi tal-prinċipji HACCP kif stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 29(2) ta' dak ir-Regolament.

In-nuqqas ta' konformità u, fejn tiġi ddeterminata, il-kawża tagħha, l-azzjonijiet korrettivi applikati u r-riżultati tal-miżuri ta' kontroll għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità kompetenti. Fejn l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li jkunu ttieħdu l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa, din tista' timponi lill-operatur jieħu azzjonijiet żejda, inkluż it-tikkettar għall-immaniġġar, u tista' tirrikjedi l-investigazzjoni mikrobijoloġika ta' kampjuni ulterjuri li jridu jittieħdu mill-operatur.";

(b) fil-punt C.1 tal-Kapitolu VI, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) huma oġġetti f'kollezzjonijiet tal-istorja naturali jew għall-promozzjoni tax-xjenza u huma

(i) ippreservati f'sustanzi, bħall-alkoħol jew il-formaldeid, li jippermettu l-wiri tal-oġġetti;

(ii) integrati kompletament f'micro-slides; jew

(iii) magħmula minn skeletri sħaħ jew partijiet minnhom, għadam jew snien, li jridu jiġu skambjati esklużivament bejn il-mużewijiet u l-istituzzjonijiet edukattivi;";

(c) fil-Kapitolu XI, il-punt 1(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) transesterifikazzjoni jew idroliżi f'temperatura ta' minn tal-inqas 200 °C, taħt pressjoni xierqa korrispondenti, għal minn tal-inqas 20 minuta (gliċerol, aċidi xaħmin u esteri);";

(6) l-Anness XIV huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima 7 tal-Kapitolu II, il-punt 2(d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) konferma li l-prodott mhuwiex maħsub biex f'xi stadju jibda jintuża fil-manifattura tal-ikel, fil-materjal tal-għalf, fil-fertilizzanti organiċi jew fil-materjali li jtejbu l-ħamrija, u

(i) ġie derivat minn annimali f'saħħithom maqtula f'biċċerija; u

(ii) tnixxef għal perjodu ta' 42 jum f'temperatura medja ta' minn tal-inqas 20 °C; u/jew

(iii) issaħħan għal sieħa sa temperatura ta' minn tal-inqas 80 °C fil-qalba; u/jew

(iv) ġie inċinerat sa ma sar irmied għal sieħa f'temperatura ta' minn tal-inqas 800 °C fil-qalba; u/jew

(v) għadda minn proċess ta' aċidifikazzjoni tali li għal minn tal-inqas sieħa l-pH inżammet inqas minn 6 fil-qalba.";

(b) fit-Taqsima 9 tal-Kapitolu II, il-punt (a)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) fil-każ ta' materjali maħsuba għall-produzzjoni tal-bijodiżil, ta' prodotti oleokimiċi jew għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli li jkun sarilhom it-trattament imsemmi fil-punt L tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV, il-prodotti sekondarji tal-annimali msemmija fl-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;";

(c) fil-Kapitolu V, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

	"Prodotti derivati	Regoli għall-esportazzjoni
1	— Demel ipproċessat; — Fertilizzanti organiċi, kompost jew residwi tad-diġestjoni mit-trasformazzjoni tal-bijogass li ma jkunx fihom prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati għajr demel ipproċessat — Proteina pproċessata tal-annimali li jkun fiha d-demel ipproċessat bħala komponent tat-taħlit	Il-prodotti derivati li ġejjin iridu jikkonformaw minn tal-inqas mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b), (d) u (e) tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tal-Anness XI: — Demel ipproċessat — Fertilizzanti organiċi, kompost jew residwi tad-diġestjoni mit-trasformazzjoni tal-bijogass li ma jkunx fihom prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati għajr demel ipproċessat — Demel ipproċessat bħala komponent tat-taħlit fil-proteina pproċessata tal-annimali
2	Prodotti tad-demm u prodotti intermedji	Demm, prodotti tad-demm u prodotti intermedji prodotti fl-UE jew importati fl-UE f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa stipulati fl-Anness XII jew fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness *għall-użu barra mill-katina tal-għalf tal-annimali tal-irziezet*, diment li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-importazzjoni tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni."